eu2006.fi

L-Onorevoli Dr. Lawrence Gonzi, LL.D., M.P.
Prim Ministru
Malta

Ħelsinki 12 ta' Diċembru 2006

Għażiż Prim Ministru,

Bi pjaċir kbir nistedinkom għall-Kunsill Ewropew, li ser iseħħ fl-14 u l-15 ta' Diċembru 2006 fi Brussel,

L-ordni tal-proċedimenti ser tkun kif ġej:

Id-diskussjonijiet tagħna ser jibdew fis-sitta neqsin kwart tal-Ħamis filgħaxija bl-iskambju bħas-soltu tal-fehmiet mal-President tal-Parlament Ewropew, Josep Borrell Fontelles.

Dan jiġi segwit bl-ewwel sessjoni ta' ħidma mis-sitta u kwart ta' filgħaxija sat-tmienja neqsin kwart ta' filgħaxija, iddedikata għall-qasam tal-Libertà, is-Sigurtà u l-Ġustizzja. Il-Kunsill Ewropew ta' Ġunju ta lill-Presidenza mandat ċar biex jesplora l-possibbiltajiet għat-titjib tat-teħid tad-deċiżjonijiet u ta' l-azzjoni fil-qasam tal-Libertà, is-Sigurtà u l-Ġustizzja. L-għan tad-diskussjoni fil-Kunsill Ewropew ser ikun li jiġi kkonfermat l-impenn tagħna għat-tisħiħ tat-teħid tad-deċiżjonijiet fil-qasam tal-ġustizzja u l-affarijiet interni.

Matul l-ewwel sessjoni ta' ħidma ser ikollna wkoll skambju ta' fehmiet dwar il-migrazzjoni. L-importanza ta' din il-kwistjoni kienet diġà kkonfermata fil-laqgħa informali tagħna f'Lahti. Imbagħad, fit-30 ta' Novembru, il-Kummissjoni ħarġet żewġ komunikazzjonijiet importanti. Nispera li d-dibattitu jikkonferma l-impenn tagħna biex insaħħu l-approċċ globali lejn il-migrazzjoni u biex naqblu dwar il-miżuri ta' segwitu għall-2007, deskritti diġà fl-abbozz tal-konklużjonijiet.

Wara r-ritratt tradizzjonali tal-familja, il-Kapijiet ta' Stat jew Gvern ser ikollhom żewġ kwistjonijiet x'jiddiskutu waqt l-ikla ta' filgħaxija: l-eżitu tal-konsultazzjonijiet dwar it-Trattat tal-Kostituzzjoni u t-tkabbir. Jien ser nibda billi nippreżenta analiżi tas-sejbiet tal-konklużjonijiet imwettqa matul dawn l-aħħar xhur. Ma nistenniex li jkollna diskussjoni sostanzjali dwar din il-kwistjoni.

Dan jiġi segwit b'dibattitu dwar it-tkabbir. Bħala segwitu għall-Kunsill Ewropew ta' Ġunju, u abbażi tal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-istrateġija tat-tkabbir u r-rapport speċjali tagħha dwar il-kapaċità ta' l-UE li tintegra membri ġodda, ikollna dibattitu li jkopri l-aspetti kollha ta' tkabbir futuri. L-għan huwa li jiġi kkonfermat intendiment komuni dwar il-futur tal-proċess ta' tkabbir.

Waqt l-ikla, il-Ministri ta' l-Affarijiet Barranin ser jiddiskutu l-Lvant Nofsani, inkluż l-Iran kif ukoll l-Afrika, b'mod partikolari s-Sudan/Darfur.

Issegwi konferenza stampa.

Is-sessjoni ta' ħidma tal-Ġimgħa, li tibda fl-għaxra ta' filgħodu, ser tkun iddedikata għad-diskussjoni u l-adozzjoni tal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew. Minnufih wara jkun hemm konferenza stampa.

Il-Presidenza ser tinforma lill-pajjiżi kandidati dwar l-eżitu tad-diskussjonijiet.

Inselli għalik u nistenna bil-ħerqa li narak fl-14 ta' Diċembru.

Għoddni tiegħek,

Matti Vanhanen
President tal-Kunsill Ewropew